MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 359/2014

**FIMBank p.l.c. (C17003)**

**vs**

**Mix S.r.l. socjetà estera bin-numru tar-registrazzjoni 328509; Angela De Luca u Salvatore De Vivo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' FIMBank p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fl-14 ta' Mejju 2012, is-socjetà Mix S.r.l. ("**Mix**") dahlet fi ftehim mal-bank rikorrenti FIMBank p.l.c. ("**Fimbank**") permezz ta' liema Mix inghatat facilità bankarja konsistenti *f'Uncommitted Deal Specific With Recourse Revolving Transactional Trade Finance Facility* (Ara Dok FIM 1). Fit-22 ta' Marzu 2013, kien hemm emenda ghal dan il-ftehim u s-socjetà Mix inghatat il-fakoltà li thallas lura l-ammonti mislufa lilha sat-30 ta' Gunju 2013 (Dok FIM 2) (iz-zewg ftehemiet ser jissejhu "**L-Ewwel Facilità**"). Skond din l-Ewwel Facilità, Mix nghatat il-possibilità li tissellef minghand il-Bank rikorrenti ammont li ma setax jeccedi €7,000,000. L-Ewwel Facilità giet operata tramite kont bankarju li gie miftuh minn Fimbank bin-numru 003325-ODAC-EUR-042.

Fl-14 ta' Mejju 2012, l-intimati Angela De Luca u Salvatore De Vivo dahlu fi ftehim mal-Fimbank fejn ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali flimkien mal-Mix ghall-hlas lura ta' kwalunkwe dejn mhux saldat li jista' jkun hemm ai termini ta' l-Ewwel Facilità (ara Dok FIM 3) ("**L-Ewwel Garanzija**").

Fil-21 ta' Jannar 2013, Mix dahlet fi ftehim iehor mal-bank rikorrenti Fimbank permezz ta' liema nghatat facilità bankarja ohra konsistenti *f'Deal Specific With Recourse Revolving Transactional Trade Finance Facility* (ara Dok FIM 4) ("**it-Tieni Facilità**"). Skond din it-Tieni Facilità, Mix setghet tissellef ammont li ma setax jeccedi €3,510,240. It-Tieni Facilità giet operata tramite kont bankarju li gie miftuh minn Fimbank bin-numru 003325-ODAC-EUR-75.

Fl-istess jum, l-intimati Angela De Luca u Salvator De Vivo dahlu fi ftehim mal-Fimbank fejn ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali flimkien mal-Mix ghall-hlas lura ta' kwalunkwe dejn mhux saldat li jista' jkun hemm ai termini tat-Tieni Facilità (ara Dok FIM 5) ("**it-Tieni Garanzija**").

Ai termini ta' l-Ewwel Facilità l-ammonti mislufin minn Fimbank kellhom jigu mhallsa sat-30 ta' Gunju 2013. Dan id-dejn baqa' ma thallasx u l-ammont pendenti, inkluz l-interessi, sal-31 ta' Dicembru 2013 kien ta' €1,572,027.33.

Ai termini tat-Tieni Facilità l-ammonti mislufin minn Fimbank kellhom jigu mhallsa fi zmien sitt xhur mid-*drawdown*. Fir-rigward tat-Tieni Facilità, d-*drawdown* fuq is-self sar fil-25 ta' Jannar 2013. Dan ifisser li d-dejn kellu jithallas sal-25 ta' Lulju 2013 (u cioe' sitt xhur mid-*drawdown*). Dan id-dejn baqa' ma thallasx u l-ammont pendenti, inkluz l-interessi, sal-31 ta' Dicembru 2013 kien ta' €319,125.25.

In-nuqqas ta' hlas tad-dejn hawn fuq deskritt, kien jikkostitwixxi *Default* skond il-klawsola 6 tal-Ewwel Facilità u tat-Tieni Facilità ("**il-Facilitajiet**") li t-tnejn jipprovdu:

> "6.1 The Lender may by written notice to the Borrower terminate its duty to make the Facility available to the Borrower or if the Facility shall have been advanced demand the immediate repayment thereof (together with interest thereon, and all other sums due under this Facility Letter or the Security Documents) on the occurrence of one of the following events:

6.1.1 The Borrower shall fail to pay to the Lender any amount (whether in respect of principal or interest or otherwise) payable to the Lender under the Facility or any of the documents set out in the Security Documentation clause on the due date of payment."

Nonostante diversi interpellazzjonijiet u diversi assigurazzjonijiet minn naha tas-socjetà Mix li kienu ser ihallsu lura s-self li hadu, id-dejn baqa' ma thallasx.

Fit-22 ta' Jannar 2014, is-socjetà Fimbank baghtet zewg ittri lis-socjetà Mix (ara Dok FIM 6 u FIM 7). Wahda mill-ittri li ntbaghtet kienet tirrigwarda l-Ewwel Facilità. Fimbank infurmat lis-socjetà intimata li l-hlas tad-dejn li kellu jsir taht l-Ewwel Facilità sat-30 ta' Gunju 2013 ma sarx, bil-konsegwenza li Mix naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha. Fimbank infurmat lil Mix li l-ittra kienet qed tintbaghat bhala *Notice of Default ai termini* tal-klawzola 6 tal-Ewwel Facilità. Fimbank talbet lis-socjetà Mix thallasha l-ammont ta' €1,572,027.33, liema ammont jinkludi l-imghax sal-31 ta' Dicembru 2013, fi zmien hamest ijiem mid-data tal-ittra. Fin-nuqqas, l-Ewwel Facilità kienet titqies bhala tterminata immedjatament.

It-tieni ittra kienet tirrigwarda t-Tieni Facilità. F'din l-ittra, Fimbank infurmat lil Mix li l-hlas tad-dejn, li kellu jsir taht it-Tieni Facilità fi zmien sitt xhur mid-*drawdown*, ma sarx bil-konsegwenza li Mix naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha. Fimbank infurmat lil Mix li l-ittra kienet qed tintbaghat bhala *Notice of Defualt ai termini* tal-klawsola 6 tat-Tieni Facilità. Fimbank talbet lis-socjetà Mix thallasha l-ammont ta'

€319,125.25 liema ammont jinkludi l-imghax sal-31 ta' Dicembru 2013 fi zmien hamest ijiem mid-data tal-ittra. Fin-nuqqas, it-Tieni Facilità kienet titqies bhala tterminata immedjatament.

Dan il-hlas ma sarx u ghaldaqstant il-Facilitajiet gew it-tnejn itterminati.

Fit-23 ta' Jannar 2014, Fimbank baghtet ittra lil Angele De Luca u ittra ohra lil Salvatore De Vivo u talbithom, bhala garanti skond l-Ewwel Garanzija u t-Tieni Garanzija, ihallsu d-dejn li gie arrekat mis-socjetà Mix ai termini tal-Ewwel Facilità u tat-Tieni Facilità fiz-zmien sebat ijiem mid-data tal-ittra (ara Dok FIM 8 u Dok FIM 9). Dan il-hlas ma sarx.

Nonostante dawn id-diversi interpellazzjonijiet ohra mill-Bank rikorrenti, l-intimati naqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom li jhallsu l-ammonti dovuti taht il-Facilitajiet. Illi ghaldaqstant, is-socjetà Fimbank ma kellhiex ghazla ohra li tipprocedi gudizzjarjament biex tirkupra d-dejn li ma thallasx. Is-socjetà Fimbank ipprocediet biex tottjeni att kawtelatorju fl-Italja maghruf bhala *sequestro conservativo* fil-konfront tal-intimati. Fit-8 ta' April 2014, it-*Tribunale di Nocera Inferiore* tat sentenza fuq din ir-rikjesta ta' Fimbank u ddecidiet li jinhareg l-ordni kawtelatorja maghrufa bhala *sequestro conservativo "fino alla concorrenza di euro 1.891.152,58 sui beni di Angela De Luca.."* U dan sabiex jigu kkawtelati l-pretensjonijiet tas-socjetà Fimbank (ara Dok FIM 10).

Fil-fehma ta' Fimbank, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'iressqu ghal din it-talba.

L-esponenti jaf personalment il-fatti kif esposti f'din it-talba u qieghed ukoll jahlef kontestwalment it-traduzzjoni ta' dan l-att bil-lingwa Taljana.

Ntalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet ta' Fimbank b'dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li l-Mix kissret l-obbligi kuntrattwali taghha taht il-Facilitajiet u li Angela De Luca u Salvatore De Vivo kissru l-obbligi kuntrattwali taghhom taht l-Ewwel Garanzija u t-Tieni Garanzija;

3. Tiddikjara li l-bilanc dovut lil Fimbank *ai termini* tal-Ewwel Facilità huwa ta' €1,572,027.33, oltre l-imghaxijiet applikabbli skond il-Facilità sa mill-1 ta' Jannar 2014; u

4. Tiddikjara li l-bilanc dovut lil Fimbank *ai termini* tat-Tieni Facilità huwa ta' €319,125.25, oltre l-imghaxijiet applikabbli skond il-Facilità sa mill-1 ta' Jannar 2014;

5. Tikkundanna lil Mix u/jew lil Angela De Luca u/jew lil Salvatore De Vivo bhala garanti solidali jhallsu s-somma ta' €1,891,152.58 flimkien mal-imghaxijiet applikabbli skond il-Facilitajiet sa mill-1 ta' Jannar 2014, liema ammonti jikkomprendu (i) €1,572,027.33 ai termini tal-Facilità oltre l-imghaxijiet applikabbli skond il-Facilità sa mill-1 ta' Jannar 2014 u (ii) €319,125.25 ai termini tat-Tieni Facilità oltre l-imghaxijiet applikabbli skond it-Tieni Facilità sa mill-1 ta' Jannar 2014.

Bl-ispejjez, u bl-imghax skond il-Facilitajiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati hadd mill-initmati ma deher biex jikkontesta l-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba kif dedotta, tilqa' r-raba talba kif dedotta, tilqa' l-hames talba kif dedotta, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------